## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA U SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. STEPHEN SULTANA (KI. 39875M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**21/05/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lill- Stephen Sultana** **Bin Carmel u Carmen nee Degiorgio. Imwieled.Pieta.26/12/1974**
**ID. 39875M** **Toqghod ; 54 `Anna Maria`Flt.1, Triq L-Imsida, Sta.Venera.**

**BILLI int akkuzat talli** fit-30 ta`Lulju 2022 ghall habta ta`02.00Hrs fi Triq Il-Kbira San Guzepp, Sta.Venera,

(1). Ingurjajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq il persuni ta` CO870 Joseph Cutajar, CO774 John Naudi u CO861 Omar Micallef, persuni nkarigati skond il ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz bil-hsieb li tbezzaghhom jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta dan is-servizz. (Sec.95 Chap.9).

(2).Fl-istess data,hin,lok u cirkostanzi,soqt vettura ta`l-ghamla Renault Nru.STE690 b`manjiera perikoluza.(Sec.15(1)(a)(2) Chap.65)

(3). Fl-istess data, hin,lok u cirkostanzi Soqt jew ipprovajt issuq jew kellek kontroll ta`l-imsemmija vettura Nru. STE690 fit-triq jew f`post pubbliku meta ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.(Sec.15A (1) Chap.65).

(4).Fl-istess data,hin,lok u cirkostanzi, irrifjutajt li taghti jew tajt il partikolarijiet tieghek foloz jew mhux sew, lill ufficjal pubbliku tal-Awtorita ta`LESA, f`dan il kaz CO870J.Cutajar ,CO774 J.Naudi u CO861 O.Micallef jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, meta dan talbuhom waqt il qadi ta`dmirijiethom.(Sec.338(g) Chap.9).

(5). Fl-istess data,hin,lok u cirkostanzi, volontarjament ksirt il-bon ordni jew il paci pubblika b`ghajjat u storbju.(Sec.338(dd) Chap.9).

(6). Talli fl-istess data,hin,lok u cirkostanzi, f`lok pubbliku jew miftuh ghall pubbliku, kont fis-sakra b`mod li ma kontx tista tiehu hsieb tieghek innifsek.(Sec.338(ff) Chap.9)

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 991 Alexander Gauci (*affidavit* u anke *viva-voce*), CO 870 Joseph Cutajar, CO 774 John Naudi, CO 861 Omar Micallef, Yesenia Maria Pace (Deputat Reġistratur), CO 901 Brian Dimech, PC 1007 Jean Paul Pizzuto

flimkien max-xhieda tal-imputat Stephen Sultana nnifsu, Ivan Calleja, Sarah Muscat u Brian Hammett.

Rat l-atti proċesswali inkluż id-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta fost oħrajn mill-*affidavit* ta' **<u>PS 991 Alexander Gauci</u>** illi fit-30 ta' Lulju 2022 huwa kien xogħol ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun meta daħlu jagħmlu rapport numru ta' uffiċjali tal-Aġenzija LESA ossia CO 870 Joseph Cutajar, CO 774 John Naudi u CO 861 Omar Micallef. Dawn irrappurtawlu li dakinhar stess għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filogħdu (2 am) filwaqt li kienu jinsabu fuq *traffic management duties* f'Santa Venera, twaqqaf ix-xufier tal-vettura tal-għamla Renault Captur bin-numru ta' reġistrazzjoni STE 690 stante illi fil-fehma tagħhom ma kienx qiegħed isuq taħt kontroll. Allegatament dan beda jinsulentahom u malli ġie infurmat illi ser isirlu t-test tal-*breathalyser* u ġie ordnat sabiex jibqa' fuq il-post, huwa telaq minn hemm filwaqt li kien ser jolqot lil CO 774 John Naudi bl-istess vettura. It-tlett uffiċjali tal-LESA taw il-verżjoni tagħhom lil PS 991. L-imputat attenda l-Għassa tal-Ħamrun b'mod volontarju u wara li ġie mgħarraf bid-drittijiet tiegħu inkluż id-dritt li jkun legalment assistit qabel u waqt l-istqarrija, irrilaxxa stqarrija lil PS 991 filwaqt li ċaħad l-allegazzjonijiet magħmula kontrih.

2. Id-dinamika tal-allegat reati li tirriżulta mill-assjem tal-provi hija kif ġej:

   i. Bejn il-Ġimgħa 29 u t-30 ta' Lulju 2022, **CO 870 Joseph Cutajar** u **CO 901 Brian Dimech** kellhom struzzjonijiet sabiex joqogħdu *fixed point* fi Triq il-Kbira San Ġużepp, kantuniera ma' Triq l-Imsida, ġewwa Santa Venera sabiex jagħlqu t-triq peress illi kien hemm in-nies qed jarmaw il-logħob tan-nar tal-festa iktar 'l fuq . Il-vetturi li kienu ġejjin minn Triq l-Imsida ma kienux qed jitħallew jidħlu fi Triq

il-Kbira u minflok kienu qegħdin jiġu ddevjati lejn Triq Ħal Qormi. Huma kienu ilhom xogħol minn xi 6pm u s-*shift* tagħhom kellu jdum sas-7am. Għal xi 2am, filwaqt li **CO 901 Brian Dimech** kien qed jistrieħ fil-vettura tiegħu (skond CO 901 u CO 870, huwa kien qiegħed jmidd saqajh għal ftit minuti, mentri il-posizzjoni tad-difiża hija li dan kien qiegħed jiskarta minn xogħlu) ġie bil-pass l-imputat, ħabbatlu mat-tieqa tal-vettura b'ħafna għajjat, storbju u dagħha u CO 901 għalhekk ħareġ mill-karozza. Il-kwistjoni kienet illi skond l-imputat, bħala Sindku ta' Santa Venera huwa kien ħallas għal żewġ uffiċjali tal-komunita' u għalhekk pretenda li jsib tnejn fuq xogħolhom u mhux isib lil CO 901 fil-vettura. Jidher li l-ġurnata ta' qabel l-imputat kien ukoll għadda minn hemm u sab lil wieħed minnhom jistrieħ fil-vettura. L-imputat imbagħad mar ħdejn **CO 870 Joseph Cutajar** li kien bilwieqfa ħdejn l-akwadott u rrepeta l-istess kliem filwaqt li beda jidgħi bil-Madonna. Kemm CO 901 u kemm C0 870 xehdu li xammew riħa ta' xorb ġejja minn ħalq l-imputat. Skond CO 870 ir-riħa ta' xorb kienet qawwija u l-imputat ma bediex jitkellem ċar.

ii. L-imputat baqa' sejjer bil-pass 'l fuq u ċioe viċin l-Għassa tal-Pulizija ta' Santa Venera fejn kien hemm in-nies jarmaw in-nar tal-art filwaqt li baqa' jgħajjat u jidgħi. Kemm CO 901 u kemm CO 870 xehdu li imbagħad rawh jidħol fil-karozza tiegħu li kienet ipparkjata, startjaha u telaq jsuq iktar 'l fuq direzzjoni lejn l-Istitut ta' San Ġuzepp. Peress illi kien hemm xi kollegi tagħhom f'dawk l-akwati (ossia **<u>CO 774 John Naudi</u>** u **<u>CO 861 Omar Micallef</u>**), CO 870 ċempel lil CO 861 biex iwissih li kienet ġejja vettura fid-direzzjoni tagħhom misjuqa minn xufier li kellu riħa ta' xorb qawwija, sabiex iwaqqfuh.

iii. **<u>CO 774 John Naudi</u>** u **<u>CO 861 Omar Micallef</u>** kienu qegħdin mal-*crash barriers* bid-dawl jitfi u jixgħel u bil-vetturi bil-*beacon lights* mixgħula, man-naħa tar-*roundabout* ħdejn l-Istitut ta' San Ġuzepp. Huma kienu qegħdin iwaqqfu lill-vetturi milli jidħlu fi Triq il-Kbira San Ġużepp ħlief għal dawk li kellhom bżonn jieħdu l-*petrol* mill-*fuel station* u għar-residenti. Skond CO 774, ġiet vettura fid-

direzzjoni tagħhom misjuqa b'veloċità qawwija. Huma waqqfu din il-vettura li kienet qed tiġi misjuqa mill-imputat. Huwa kellu riħa ta' xorb qawwija u kellu wiċċu ruxxan u għajnejh ileqqu. Meta qallu biex jitfi l-karozza sabiex tissejjaħ l-Pulizija sabiex ikun jista' jsirlu t-test tal-*breathalyser,* l-imputat ħaseb li kien mal-ġenb tat-triq mentri kien fin-nofs tagħha, kiser l-isteering fuq in-naħa tiegħu fejn kien qed ikellmu u kien ser jolqtu bir-rota ta' wara li ma kienx għall-kollega tiegħu li ġibdu lura. Fl-ebda ħin ma ngħad xi diskors bejn l-imputat u CO 774. L-imputat baqa' sejjer 'l barra lejn Triq il-Kanun. Skond **CO 861 Omar Micallef** il-vettura resqet lejhom "*naqra rrezjata*" u l-imputat beda jkun ftit arroganti magħhom, beda jikkritikahom fuq it-*traffic management* tagħhom u beda jgħidilhom li ma jiswew għal xejn. Huwa seta' jxomm riħa ta' xorb fuqu u meta qalulu sabiex jaqla ċ-ċavetta għaliex ma kienx f'kundizzjoni tajba tas-sewqan, dan ħaseb li kien qiegħed ipparkjat ħdejn il-ħajt, kiser l-isteering u kien ser jolqot lill-kollega tiegħu CO 774 li kieku mhux għax ġibdu fil-ħin.

iv. Il-Prosekuzzjoni esebit ukoll DVD b'sensiela ta' filmati (iktar minn mitt filmat) elevati minn CCTV cameras li kien hemm f'żewġ *locations* fil-viċinanza ta' fejn allegatament saru r-reati. Dawn il-filmati pero' m'huma tal-ebda għajnuna peress illi ma jidhirx li qabdu l-allegat inċident/i in kwistjoni.

v. Fix-xhieda tiegħu l-imputat, is-Sindku ta' Santa Venera, stqarr illi fid-29 ta' Lulju 2022 għal xi 8.20 pm huwa kien miexi fi Triq il-Kbira San Ġużepp u ra żewġ kontravvenzjonijiet li kienu diġa ripetuti fil-ġranet ta' qabel. Bħala kunsill kien hemm ftehim mal-LESA sabiex jiġu stazzjonati żewġ (2) *community officers* f'kull fixed point (f'dan ir-rigward ġew esebiti Dok SS1 u Dok SS2 li juru s-servizzi li kienu rikjesti fil-ġimgħa tal-festa mill-Kunsill, bin-numru ta' uffiċjali meħtieġa, l-postijiet fejn kellhom ikunu stazzjonati u t-*traffic management* relattiv). Inoltre fil-ġurnata ta' qabel huwa kien ra karozza tal-LESA u mutur *unattended* ħdejn ir-roundabout. Lura għal dak li ra fid-29 ta' Lulju għal xi 8.20 pm, l-imputat xehed illi fuq il-post ra li kien hemm gwardjan wieħed biss u għalhekk ikkuntattja lil

ċertu Marius Bugeja, ossia l-REO responsabbli, biex jiġbidlu l-attenzjoni għal dawn in-nuqqasijiet ripetuti. Skond l-imputat: "Dan kellimtu bil-kelma it-tajba, ghidtlu l-affarijiet mhux qeghdin sew ghidtlu jiena ha niehu decizzjoni li mhux se nhallsek. Kif ghidtlu hekk, tnaffar. Kellimni kif kellu jkellimni, qalli jien ma nafx min elegik sindku lilek. Qalli ma tifhimx xejn fit-traffic management u qaghtali, U jien bqajt ghaddej ghal rihi."

Iktar tard għal xi 1.30 am, sbieħ is-Sibt, huwa kien nieżel bil-mod lejn Triq il-Kbira fid-direzzjoni tal-karozza tiegħu, u reġa sab li kien hemm uffiċjal wieħed flok tnejn. Huwa staqsieh fejn kien l-ieħor u rriżultalu li dan kien rieqed fil-vettura, b'saqajh 'l fuq mad-*dashboard* u bin-nuċċali tax-xemx. Huwa prova jsaqsih għalfejn ma kienx bilwieqfa ħdejn il-kollega tiegħu filwaqt li dan tal-aħħar iddefendih u qallu illi ftit qabel kien qiegħed għassa ħdejh. L-uffiċjal li kien hemm fil-karozza injorah u reġa daħal fl-istess karozza. L-imputat baqa' tiela 'l fuq fejn kien hemm il-membri ta' l-għaqda tan-nar (li huwa kien President tagħha), ra li m'ghandhom xejn nieqes, ġabilhom xi ħaġa x'jixorbu u daħal ġol-vettura tiegħu. Huwa saq bil-mod fid-direzzjoni lejn l-Istitut ta' San Ġużepp biex jibqa' sejjer lejn id-dar. Fid-daqqa u l-ħin ra vettura oħra b'żewġ gwardjani reqdin ġo fiha. Waqaf ħdejhom u staqsiehom min kien tagħhom l-ordni li jibqgħu ġewwa l-vettura. Huma weġbuh li l-ordni kienu ħaduha minn ta' fuqhom: *"Qaluli l-ordni hadniha minghand ta' fuqna. Ghidtilhom "thabbel rasek xejn", ghidtilhom issa meta nircievi l-kont umbaghad nitkellmu minn hemm u tlaqt bil-kwiet lejn dari".*

Skond l-imputat l-istorja mingħalih li waqfet s'hemm: "... jien la gara darba, l-kunsill qed ihallas minn fondi pubblici fir-responsabbilita' tieghi li dawn l-affarijiet nieqaf ghalihom. Sal-lum il-kont ghadu ma thallasx, ghandu pendenti u eventwalment hassejt ukoll li naghmel rapport, filfatt kont ittexjajt lic-Chief Operating Officer fis-satejn u nofs ta' fil-ghodu (02:30 a.m.) meta gara dan, ha nghid hekk, dan l-incident fejn ghidtlu w Ghandi t-text jekk trid nezebih ukoll, lis-Sur Claudio Tonna fejn dan ktibtlu paragrafu ghidtlu hemm is-sitwazzjoni komplit tiggrava u wiehed Triq l-Imsida sibtu rieqed gol-karozza u tnejn (2) ohra mar-roundabout

regghu ghalqu kompletament it-triq u dawn kienu gol-karozza. Ma jistax ikun nibqghu nahdmu hekk. Rajtu ma wegibnix u fis-sebgha u hamsa (07:05) ergajt ghidtlu x'hin tkun komdu ghidli ha ncempillek." F'dan ir-rigward ġie esebit id-dokument SS3 bi *screenshot* ta' messaġġi mibgħuta bil-WhatsApp. Għal xi 8.00am imbagħad ċemplulu l-Pulizija biex jgħidulu jmur tal-Għassa tal-Pulizija minħabba li kien daħal rapport fil-konfront tiegħu. Huwa għamel kif ordnat lilu u f'dak il-ħin ra li kien hemm ħerba sħiħa ġewwa Santa Venera: "Go Santa Venera sibt Sur Magistrat, herba. Imnalla inzilt ghax ix-xoghol li kellhom jaghmlu dakinhar abdikaw kompletament, fethuli l-barriers, karozzi ghaddejjien ghal fuq in-nies. Meta din sippost kienet maghluqa sal-Hadd waranofsinhar. Gifieri dawn abdikaw kompletement mir-responsabbilita' taghhom biex minghalijhom nahseb ipattuhieli imma t-tpattija mhux lili ghamluha, lir-residenti ta' Santa Venera. Dahhlu fix-xena ovjament l-ufficcjali ta' Transport Malta f'dan ir-rigward biex jikkontrollaw ukoll il-bicca xoghol tat-traffiku ghax kienet at a chaos u eventwalment ovjament, kellimt lil Pulizija fuq x'gara u ma garax imma statement lil pulizija qatt ma stajt naghti ghax ma kontx fil-prezenza ta' l-avukat dak il-hin. Dak iz-zmien l-avukat tieghi kien imsiefer u ma stajtx naghti statement ufficcjali kif qed naghtih llum."

vi. L-imputat ċaħad li huwa kien kellem ħażin lill-uffiċjali tal-komunita' għalkemm stqarr li kien irrabjat b'dak li kien seħħ. Innega ukoll illi saq b'mod traskurat jew li saħansitra kien ser jolqot lill-CO 774. Filfatt qal illi CO 774 kien rieqed fil-karozza flimkien ma CO 861. Ċaħad li kien ser jolqot lil xi ħadd minnhom meta dawn ħarġu mill-vettura. Qal li l-inkontru magħhom ma damx iktar minn għoxrin sekonda u li hu imbagħad baqa' sejjer fuq triqtu. In kontroeżami ċaħad ukoll illi kien xorob u nnega ukoll illi l-uffiċjali qalulu biex jagħmel it-test tal-*breathalyser.*

vii. Mistoqsi mill-Qorti jekk skond hu allura l-uffiċjali l-oħra kienux qed jigdbu fuqu huwa wieġeb kif ġej:

"Qorti: Ha taghmillek domanda ohra l-Qorti. Ma kelli hawnhekk, nahseb diga wegiebtha imma nixtieqek forsi ticcaraha izjed, Meta telghu jixhdu hawnhekk, l-ufficcjali tal-komunita' fejn

nahseb li ghal darba, tnejn (2), tlieta (3), jekk mhux erbgha (4) wkoll imma tlett darbiet zgur. Fejn dawn qed jghidu kolla, one (1) kont fis-sakra, two (2) mhux kollha imma tnejn (2) minnhom qalu li kont ha tolqot lil CO John Naudi, u three (3) intlabt biex taghmel it-test tal-brathalyzer u bqajt ghaddej. Injorajthom. Xi tghid fuqha?

Stephen Sultana: Nichadhom kollha. Kollha.

Qorti: Stephen, Sur Sultana, okay qed tghidli tichadhom kollha. Gifieri qed tghid li minn dawn li qed jghidu xejn affattu mil-verita'? u allura naturalment qed tifhem x'qed nghidlek li meta ghandi dawn iz-zewg verzjonijiet daqshekk kontra xulxin, akkuzi daqshekk serji, xi hadd qed jigdeb. Mhux xi hadd qed jghid inezattezza. Allura qieghed jigdeb…

Stephen Sultana: M'ghandix ghalfejn nigdeb Sur Magistrat.

Qorti: Jekk dak li qed tghid huwa minnu allura dan huwa frame up.

Stephen Sultana: Ezatt.

Qorti: Hux hekk?

Stephen Sultana: Ghidtha inti.

Qorti: Dak li qed tghid?

Stephen Sultana: Iva. Dana ghax ovjament, gbidt l-attenzjoni li ma kinux qed jaghmlu xogholhom hu. Ha nuza kelma naqra goffa. Iridu jpattuhieli b'dak il-mod."

viii. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx xorob partikularment peress illi kienet il-festa l-imputat wieġeb fin-negattiv billi skond hu, huwa kien qiegħed imexxi n-nar tal-art.

ix. Bħala xhieda tad-difiża tela' jixhed **<u>Ivan Calleja</u>** li kien direttur tal-logħob tan-nar. Huwa kien fil-presenza tal-imputat wara nofsillejl ta' sbieħ is-Sibt 30 ta' Lulju 2022. Mistoqsi sabiex jiddeskrivi l-istat tal-imputat huwa wieġeb kif ġej: "Kien normali. Jien kont qed narma c-ciccifugu dakinhar u b'dik il-kariga jiena ingorr certu responsabbilita' u m'ghandi nhalli lil hadd li jkun hdejn in-nar jekk mhux, ma jkollux xorb fih u s-Sur Stephen kien hdejja jitkellem normali fuq il-gimgha tal-festa u x'ha naghmlu ghas-sena ta' wara w ma kien hemm jidher xejn li jkun, li kien fis-sakra.

Avukat: Deherlek li kien xi xurban jew?

Ivan Calleja: Le, le.

Avukat: Kellu xi riha ta' xorb?

Ivan Calleja: Ma nistax inhalli, nissogra hajti jien taht, taht persuna hdejja qed narma c-ciccifogu fin-nar vicin u bniedem fis-sakra."

x. Ittellgħet ukoll bħala xhud tad-difiża **<u>Sarah Muscat</u>** li kellha r-raġel tagħha (u possibilment hija stess) fil-kumitat tas-sezzjoni tan-nar. Hija ukoll kienet rat lill-imputat meta marret sa fejn ir-raġel tagħha biex ittih l-ikel. Kien għal xi 1am tas-Sibt 30 ta' Lulju 2022. Ix-xhud qalet hekk:

"Avukat: U kif kien? F'liem stat kien? Rajtu fis-sakra jew?

Sarah Muscat: Le, normali.

Avukat: Jew xammejtlu xi riha ta' xorb jew?

Sarah Muscat: le, le. Lanqas xejn. Jitkellem normali. Beda jitkellem lili f'hiex ghaddejjien, f'hiex wasalna dak il-hin.

Qorti: X'hin kien Sinjura? X'hin kien?

Sarah Muscat: Ara spicca l-marc zgur. Konna qed nizbarazzaw il-bar u ftit wara tlajt. Kien wara s-siegha ta' filghodu (01:00a.m.) ..."

xi. Finalment ittella' sabiex jixhed bħala xhud tad-difiża **Brian Hammett**, *supervisor* mal-*Cleansing Department.* Huwa kien fuq xogħolu meta kien ra lill-imputat għal xi 1am fejn dan kien staqsih jekk kellux bżonn xi ħaġa:

"Brian Hammett: U l-hin kien qisu kien, nahseb kienu s-siegha ta' filghodu (01:00 a.m.) xi haga hekk.
Avukat: U deher, rajtu fis-sakra jew riha ta' xorb jew affarijiet minn dawn?
Brian Hammett: Le, normali kellimna. Le, le, le.
Avukat: Gifieri beda jirraguna maghkom?
Brian Hammett: Ijja mela. Xejn minn dan ghax kellimna. Imbaghad ghamilna x-xoghol ahna u morna, lestejna xit-tlieta (3) u morna lura. Kelli xi hamsa (5) min-nies ohra mieghi."

*Kunsiderazzjoni*

*L-ewwel imputazzjoni*

3. Rigward l-ewwel imputazzjoni, ċioe dik tal-oltraġġ fil-konfront ta' CO 870, CO 774 u CO 861, l-imputat tressaq b'din l-akkuża minħabba l-allegat dagħha u għajjat li sar minnu fil-konfront tagħhom waqt li kienu fil-qadi ta' dmirijiethom.

4. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Wayne Deguara** (App Nru: 49 / 2020 per Imħallef Consuelo Scerri Herrera, 05/01/2021) il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk: 'Illi l-hames akkuza kif kontemplata fl-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu: *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."* Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika. Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."* Sahansitra f'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg jinghad: *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

5. Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija v. Andy Calleja</u>** (Qorti tal-Appell, App. 9/200 AB, 30/06/2022) ingħad illi:

"... għal dak li jirrigwarda l-element materjali tar-reat fejn dan si tratta ta' 'inġurja', skont il-ġurisprudenza Maltija, dik ipotizzata flArtikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali hija tip ta' inġurja speċjali ossia distinta mill-inġurja komuni ta' natura kontravenzjonali. Fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Eugenio Hili deċiż nhar is-26 ta' April 2018 intqal: Kif ritenut mill-Qrati taghna fuq medda ta' snin, dan ir-

reat huwa wiehed ta' oltragg jew ingurja specjali jew ingurja delitt li huwa differenti mill-hekk imsejha ingurja komuni jew ingurja kontravvenzjonali u dan kif traccjat fissentenzi Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar App Krim 12/12/1936; Il-Pulizija vs Frank Attard App Krim 29/12/1958; Il-Pulizija vs Emanuel Pace App Krim 30/4/1993; Il-Pulizija vs Mario Cuschieri App Krim 17/10/1997; Il-Pulizija vs Carmel Farrugia App Krim 16/2/1998; Il-Pulizija vs Joseph Fenech App Krim 25/2/1999; Il-Pulizija vs Joseph Zahra App Krim 9/9/2002; Il-Pulizija vs Josianne Bonello App Krim 16/1/2003; Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech App Krim 10/9/2007 u Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg App Krim 16/7/2010. Minn ezami ta' dawn is-sentenzi jokkorri l-konkorrenza ta' hames 5 elementi. Lallegat kliem jehtieg li jkun sar: a) lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku; b) officio durante vel contemplatione officii; c) de visu; d) li jkun filfatt ingurjuz; u e) animo iniuriandi."

6. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri** intqal is-segwnenti:

"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg ... hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana lanimus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u maddaqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk ilprosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha llimiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta,

b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi."

7. Fil-kawża odjerna filwaqt li l-imputat jiċħad bil-qawwa kollha li huwa kellem ħażin lill-uffiċjali tal-komunita', l-istess uffiċjali saħqu illi l-imputat beda jgħajjat, jidgħi u jgħidilhom li tal-LESA ma jiswew għal xejn. Il-Qorti tqis fiċ-ċirkustanzi illi l-aġir tal-imputat, li kieku verament seħħ, ma javverax ruħu taħt ir-reat ravviżat tal-oltraġġ taħt l-Art. 95 iżda semmai seta' jikkonsisti f'reat kontravvenzjonali. Għalhekk il-Qorti ma tarax li din l-akkuża ġiet ppruvata.

*It-tieni imputazzjoni*

8. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dik dwar sewqan b'manjiera perikoluża, l- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) jipprovdi hekk:

**15. (1) Kull min -**

**(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena."**

Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdu illi:

**(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.**

**(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.**

9. Dwar il-provi ta' sewqan b'mod traskurat, bla kont u b'mod perikoluż, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Alfred Mifsud**' illi:

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."

10. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

11. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

> "Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta

merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."

Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."

Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."

12. Mill-provi jirriżulta lill-Qorti illi filwaqt li skond l-uffiċjali tal-komunita' CO 774 John Naudi u CO 861 Omar Micallef sostnew illi l-imputat saq lejhom b'ċertu veloċita u li l-vettura kienet "irrejzjata", l-imputat ċaħad kategorikament li huwa saq b'dan il-mod. Inoltre ċaħad ukoll illi huwa kien ser jolqot lil CO 774 Naudi bir-rota ta' wara meta saq minn fuq il-post. L-uffiċjali min-naħa tagħhom it-tnejn qalu li ma jidhirx li l-imputat għamel din il-manuvra bi skop li jolqot lill-istess CO 774. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti wara li wiżnet il-kredibbilita' tal-uffiċjali tal-komunita' li xehdu mod, mal-kredibbilta' tal-imputat li xehed totalment l-oppost u li xeħet dawl fuq il-kuntest tal-battibekk li kien żvolġa bejnu, bħala Sindku tal-lokal u l-kumpanija li tingaġġa lill-uffiċjali tal-komunita

minħabba dak li kien iqis bħala nuqqasijiet serji fis-servizz mogħti, tqis illi minimament għandha dubbju raġjonevoli dwar il-verżjoni tal-fatti li xehdu fuqha l-istess uffiċjali. Għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

*It-tielet imputazzjoni*

13. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, filwaqt li l-uffiċjali tal-komunita' kollha qalu li l-imputat kellu riħa ta' xorb fuqu (u wieħed minnhom qal ukoll illi l-kliem tiegħu ma kienx sew), madanakollu ma ressqu l-ebda prova illi huwa kien qiegħed isuq meta ma kienx f'kundizzjoni tajba li jagħmel hekk minħabba x-xorb. Inoltre ix-xhieda tad-difiża kollha qalu illi ftit tal-ħin qabel huma kienu fil-presenza tal-imputat u f'dak il-ħin dan deher normali u f'sikktu. Għalhekk din l-imputazzjoni ukoll ma tirriżultax.

*Ir-raba' imputazzjoni*

14. Ma tressqet l-ebda prova illi l-imputat irrifjuta li jagħti jew ta l-partikolaritajiet tiegħu foloz jew mhux sew lill-uffiċjali tal-komunita' meta ġew mitluba minnu. Anzi rriżulta illi huma kienu jafu sewwasew min kien l-imputat u ċioe illi jokkupa l-kariga ta' Sindku ta' Santa Venera. Din ir-raba' imputazzjoni għalhekk ma tirriżultax

*Il-ħames imputazzjoni*

15. Din l-imputazzjoni ta' natura kontravvenzjonali, ossia illi l-imputat kiser il-bwon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u storbju, tiddependi sew mill-kredibilita' illi l-Qorti tatribwixxi lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u lix-xhieda tal-imputat. Kif ġa ingħad iktar 'l fuq jirriżulta tal-inqas dubbju raġjonevoli dwar il-verżjoni mistqarra mill-uffiċjali tal-komunita' fid-dawl ta' dak li xehed f'ċertu dettal l-imputat. Għalhekk il-Qorti m'hijiex ser issib ħtija lanqas dwar din l-imputazzjoni.

*Is-sitt imputazzjoni*

16. Din l-aħħar imputazzjoni, u ċioe li l-imputat kien fis-sakra b'mod li ma setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu hija waħda li ma ġietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni apparti l-fatt illi x-xhieda prodotti mid-difiża lkoll qalu li almenu ftit ħin qabel l-imputat kien jidher fi stat normali u ma kienx jidher li kien fis-sakra.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih.**

**V.G. Axiak** | **Y.M. Pace**
**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**